# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 27 ta' Jannar 2020

**Rikors Konġunt Numru : 396/2019 JPG**

**Kawza Numru : 26**

**AB**

**U**

**GB**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors konġunt ta' AB u GB a fol 1 et seqq tal-proċess li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet iżżewwġu fl-4 ta' Lulju 1998 fil-Knisja tal-Madonna tal-Ħniena, fiż-Żejtun (Dok A anness) u miż-żwieġ tagħhom kellhom żewġt itfal – L u M X-il sena u Y-il sena rispettivament;*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt ippubblikat min Nutar Dr Rachel Mallia fit-28 ta' Lulju 2015 (Dok B anness);*

*Illi ma jeżisti ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom minħabba illi ilhom snin twal mifrudin u jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi fir-rigward tal-manteniment, dan dejjem tħallas skont il-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi u hawn anness;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artiklu 66 B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Illi qed jiġi anness ukoll ma' dan ir-rikors l-affidavits tal-partijiet (Dok C u dok D)*

*Għaldaqstant, l-esponent jitolbu umilment lil dina l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u;*
2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**AB** xehed bl-affidavit (Dok C, fol 13) illi huwa u martu żżewwġu fl-4 ta' Lulju 1998 fil-Knisja tal-Madonna tal-Ħniena fiż-Żejtun, u illi huma isseparaw b'kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat minn Nutar Dr Rachel Mallia fit-28 ta' Lulju 2015. Mid-data ta' separazzjoni 'l hawn, huma għexu separatament minn xulxin. Il-manteniment dejjem tħallas. Xehed ukoll illi ma hemmx tama ta' rikonċiljazzjoni bejniethom u illi minn dan iż-żwieġ kienu twieldu żewġt itfal.

**GB** xehdet bl-affidavit (Dok D, fol 14) u ikkonfermat dak li xehed bl-affidavit żewġha (Dok C, fol 13).

GB xehdet bil-ġurament (fol 8) u ikkonfermat li hija iżżewwġet lil AB fl-4 ta' Lulju 1998 u li minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal, li illum għandhom X u Y-il sena rispettivament, u li t-tnejn għadhom jistudjaw. Xehdet illi ma hemmx tama ta' rikonċiljazzjoni kif ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment. Hija ikkonfermat li l-kuntratt ta' separazzjoni personali tagħhom huwa dak li jinsab a fol 4, immarkat bħala Dok B. Xehdet li mid-data tas-separazzjoni sal-preżent, ma

kienx hemm rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet. Ikkonfermat ukoll li arretrati ta' manteniment ma hemmx.

**AB** xehed bil-ġurament (fol 10) u kkonferma dak li xehdet martu bil-ġurament.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-4 ta' Lulju 1998 (Vide Dok A, fol 3) u li minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal, wieħed ta' X-il sena u wieħed ta' Y-il sena, u li it-tnejn għadhom jistudjaw;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Rachel Mallia datat 28 ta' Lulju 2015 (vide Dok. B fol 4 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll illi ma hemmx arretrati tal-manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet issodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex iz-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**